MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru. 26/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Gafa')

**vs.**

**Emanuel Buttigieg**
**Jane Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru 26/2011**

**Illum 9 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Emanuel Buttigieg** ta' disgha u hamsin (59) sena, bin Joseph u Gracie nee' Cutajar, imwieled Victoria fit-23 ta' Jannar 1952, u li joqghod 'Dar Illunzjata', Triq il-Muleja, Fontana Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru

8252G u **Jane Buttigieg** ta' hamsa u hamsin (55) sena, mart Emanuel, bint Emanuel Attard u Helen nee' Zammit, imwielda Xaghra fit-18 ta' Frar 1955, u li toqghod 'Dar Illunzjata', Triq tal-Muleja, Fontana, Ghawdex, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 13755G, akkuzati talli f'Settembru 2009, u fix-xhur u ta' wara, f'Ghawdex, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-hsieb li jaghmlu approprazzjoni bla jedd, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' approprazzjoni bla jedd jew billi jdawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, s-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u jew l-Unjoni Ewropeja, liema somma kienet ser tkun fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz taghhom; u liema approprazzjoni bla jedd ma gietx esegwita minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom.

2. Fl-istess dati, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jwettqu frodi b'eghmil qarrieqi urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igeghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, biex jaghmlu qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u jew l-Unjoni Ewropeja, liema frodi ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhhom.

3. Fl-istess dati, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

**Lil Emanuel Buttigieg wahdu:**

c. Kif ukoll Emanuel Buttigieg sar recidiv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali (Dok. “E”) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija tal-imputati f'dawn il-proceduri, il-fedina

penali tal-istess imputati (Dok. “C” u “D”) u l-istqarrijiet rilaxxati mill-istess imputati (Dok. “H” u “J”).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 188, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jigu ordnati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi jirrizulta li ma gewx imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------